97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 64/2026 tar-Raba' Amministrazzjoni

Datalt-Tnejn, 24 t' Awwissu 2026

Ħin: 16:30

Bdiet: 16:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Skużat
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Assenti
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Skużat
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

64. 1 Ittri ta' Apoloġija

64.1.1 Il-President informa dawk preżenti bil-Membri li talbu li jkunu skużati. Kien hemm qbil li dawk li skużaw ruħhom jiġu skużati filwaqt li dawk li ma nfurmawx jitniżżlu assenti. It-tabella fl-ewwel paġna tal-minuti turi l-ismijiet li kienu preżenti, assenti jew skużati.

64.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.63

64.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 63 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

64.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 55

64.3.1 Fuq proposta tal-President, intalbet l-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti Nru. 55, b'nefqa totali ta' €227,903.66 għall-perjodu bejn it-23 ta' Lulju 2026 u l-24 t' Awwissu 2026. L-approvazzjoni tal-iskeda ġiet issekondata mis-Sur John Boxall u s-Sur Clayton Cascun Portelli u ġiet approvata mill-Kumitat.

64.4 Komunikazzjoni mill-President

64.4.1 Il-President ta rendikont dwar il-progress tal-proġett Art in Common u informa lill-membri li, sa issa, l-uniku proġett li tlesta kompletament huwa dak tax-Xgħajra. Min-naħa l-oħra, ix-xogħlijiet relatati mal-installazzjonijiet ta' Ħal Tarxien u l-Fgura diġà nbdew u jinsabu fil-proċess ta' implimentazzjoni.

Il-President informa wkoll li l-Kunsilli Lokali ta' Ħaż-Żabbar, l-Isla, il-Belt Valletta u l-Furjana kienu għadhom pendenti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-installazzjonijiet rispettivi tagħhom.

Is-Sindku tal-Furjana spjega li l-Kunsill qed jiltaqa' ma' diffikultajiet sabiex jidentifika u jikseb l-approvazzjonijiet meħtieġa għal sit adattat għall-installazzjoni. Huwa semma li f'diversi okkażjonijiet, meta l-Kunsill ippropona siti potenzjali fejn setgħet issir l-installazzjoni, qamu diffikultajiet jew oġġezzjonijiet min-naħa tal-entitajiet governattivi responsabbli miż-żoni rispettivi.

F'dan il-kuntest, ġie enfasizzat il-bżonn li tkompli l-ħidma u l-koordinazzjoni mal-entitajiet konċernati sabiex tinstab soluzzjoni prattika u jiġi identifikat sit li jkun aċċettabbli għall-partijiet kollha. Dan għandu jippermetti lill-Kunsill Lokali tal-Furjana jipproċedi bl-installazzjoni tiegħu u, fl-istess waqt, jgħin sabiex il-proġett Art in Common ikompli javvanza lejn il-konklużjoni tiegħu fil-lokalitajiet parteċipanti kollha.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

64.4.2 Il-President għamel ukoll aġġornament dwar l-inizjattiva marbuta mal-istampar tal-bolol. Huwa informa lill-membri li għad fadal il-lokalitajiet tal-Kalkara, Raħal Ġdid u Ħaż-Żabbar sabiex jipprovdu r-ritratt rispettiv tagħhom meħtieġ għall-istampar tal-bolol. Ġie mitlub li dawn jintbagħtu mill-aktar fis possibbli sabiex ikun jista' jitkompla u jiġi konkluż il-proċess tal-istampar.

64.4.3 Il-President informa lill-Kumitat li l-biljetti tal-ajru għas-Sindki jew rappreżentanti tal-Kunsill li kienu esprimew l-interess tagħhom li jattendu l-European Week of Regions and Cities fi Brussell issa nxtraw u ġew ikkonfermati.

64.4.4 Il-President informa lill-membri li l-proġett Father and Son, li kien jifforma parti mill-programm tal-Proġett tar-Reġjun Kulturali, kien ġie konkluż.

Is-Sur John Boxall esprima d-diżappunt tiegħu għall-fatt li, minkejja li kemm hu kif ukoll ibnu huma Sindki, ma kienx possibbli li tinstab data u ħin konvenjenti sabiex huma wkoll jipparteċipaw fil-proġett u jittieħed ir-ritratt tagħhom.

Is-Sur Boxall irrimarka li kien jistenna li jkun hemm aktar flessibbiltà fl-arranġamenti mal-fotografu barrani li kien ingaġġat għal dan il-proġett, sabiex seta' jinstab ħin li jkun kompatibbli mad-disponibbiltà tiegħu u ta' ibnu. Huwa għalhekk esprima d-diżappunt tiegħu li din l-opportunità ma setgħetx tiġi estiża għalihom, partikolarment fid-dawl tal-fatt li t-tnejn li huma jservu bħala Sindki.

64.4.5 Il-President informa lill-membri li l-ħidma fuq il-ktieb dwar il-fortifikazzjonijiet kienet tinsab fi stadju avvanzat ħafna u kienet kważi konkluża. Huwa spjega li bħalissa kienet għaddejja l-fażi tad-disinn u t-tqassim grafiku tal-pubblikazzjoni, bi tħejjija sabiex il-ktieb ikun jista' jiġi finalizzat u sussegwentement jgħaddi għall-istampar u l-pubblikazzjoni.

64.4.6 Il-President informa lill-membri li l-proġett IntegrARTI ser jerġa' jkun parti mill-edizzjoni li jmiss ta' Birgu by Candlelight. B'hekk, il-proġett ser ikompli jingħata viżibbiltà fi ħdan din l-attività kulturali importanti, filwaqt li jkompli jikkontribwixxi għall-programm kulturali tar-Reġjun.

64.4.7 Il-President informa lill-membri li l-attività li kienet ser tittella' fil-Kalkara bħala parti mill-inizjattiva Regional Mosaic ġiet posposta u issa hija skedata li ssir nhar it-18 ta' Ottubru 2026.

64.4.8 Il-President informa lill-membri li l-Kunsill Lokali ta' Paola kien qed jaħdem fuq it-tħejjija ta' wirja sagra bħala parti mill-inizjattiva Regional Mosaic. Din il-wirja ser tifforma parti mill-programm ta' attivitajiet kulturali marbuta mal-proġett u ser tikkontribwixxi sabiex jiġu promossi l-identità, il-kultura u l-karatteristiċi distintivi tal-lokalità fi ħdan il-kuntest usa' tar-Reġjun.

64.4.9 Il-President informa lill-membri li l-attivitajiet organizzati mal-Anzjanità Attiva, li kienu jiffurmaw parti mill-programm tar-Reġjun Kulturali, kienu ġew konklużi b'suċċess.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

64.4.10 Il-President informa lill-membri li l-proġett Rakkonti kien ukoll wasal fl-aħħar fażi tiegħu. Huwa spjega li l-ewwel sett ta' kotba kien jinsab lest sabiex jintbagħat għall-istampar, u b'hekk il-proġett kien qed joqrob lejn il-konklużjoni tiegħu.

64.4.11 Il-President informa lill-membri li, fir-rigward tal-attivitajiet marbuta mal-inizjattiva Regional Mosaic, kienu għadhom pendenti l-attivitajiet tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien u tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

Fir-rigward ta' Ħal Tarxien, il-proposta oriġinali kienet intalbet li tiġi riveduta u mibdula, anke fid-dawl ta' sanzjonijiet mill-Awtorità tal-Ippjanar relatati mal-binja li oriġinarjament kienet proposta sabiex tintuża għall-attività. Għaldaqstant, kien għad irid jiġi determinat kif il-Kunsill ser jipproċedi bi proposta alternattiva.

Fir-rigward tal-Belt Valletta, il-President informa li kien għad ma ntlaħaq l-ebda konklużjoni dwar l-attività proposta, li kienet mistennija tinvolvi l-parteċipazzjoni tal-baned. Għaldaqstant, kien għad hemm bżonn li jiġu finalizzati l-kunċett u l-arranġamenti meħtieġa sabiex din l-attività tkun tista' titwettaq bħala parti mill-programm Regional Mosaic.

64.5 Komunikazzjoni mill-President

64.5.1 Il-President informa lis-Sindki dwar il-kotba u l-pubblikazzjonijiet li r-Reġjun, kif ukoll kull Kunsill Lokali, kien irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilli sabiex jagħmlu użu tajjeb minn dawn il-pubblikazzjonijiet u ssuġġerixxa li kopji minnhom jitqiegħdu wkoll fil-libreriji tal-lokalitajiet rispettivi, sabiex ikunu aċċessibbli għar-residenti u għall-pubbliku inġenerali.

Il-President informa wkoll lis-Sindki li, jekk il-Kunsilli jkollhom bżonn aktar kopji ta' dawn il-pubblikazzjonijiet, għandhom jinfurmaw lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex, skont id-disponibbiltà, ikunu jistgħu jiġu pprovduti kopji addizzjonali.

64.5.2 Il-President informa lill-membri li kien irċieva komunikazzjoni mingħand il-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar talba li dan kien irċieva mingħand il-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex. Permezz ta' din il-komunikazzjoni, il-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex kien qed jistieden lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jipparteċipa bħala sieħeb fi proġett tal-Unjoni Ewropea marbut mal-Belt Kulturali Ewropea.

Il-President spjega li s-Sindku tal-Birgu kien talab sabiex il-proposta titressaq għad-diskussjoni fuq livell Reġjonali u sabiex ikun ir-Reġjun li jieħu deċiżjoni dwar jekk għandux ikun hemm parteċipazzjoni f'dan il-proġett.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Madankollu, il-President iċċara li d-deċiżjoni ma setgħetx tittieħed fuq livell Reġjonali, peress li l-istedina u t-talba għall-parteċipazzjoni kienu saru speċifikament lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex ikun sieħeb fil-proġett. Għaldaqstant, id-deċiżjoni dwar jekk il-Birgu għandux jipparteċipa jew le kellha tittieħed mill-Kunsill Lokali tal-Birgu stess.

Is-Sindku tal-Birgu ħa nota ta' din il-kjarifika u informa li l-proposta ser titressaq għad-diskussjoni fuq livell tal-Kunsill Lokali sabiex tittieħed id-deċiżjoni meħtieġa.

64.5.3 Il-President fakkar lis-Sindki li kienet ġiet imnedija l-iskema tal-SPI għall-attivitajiet kulturali għas-sena 2027. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jieħdu nota tal-iskema u jevalwaw l-opportunitajiet disponibbli għal attivitajiet u inizjattivi kulturali li jistgħu jiġu proposti fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom.

64.5.4 Il-President informa lill-membri li kien għaddej l-istudju demografiku li qed jitwettaq mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali flimkien mar-Reġjun Port, u li f'dan l-istadju qed jiffoka primarjament fuq il-lokalità tal-Furjana.

Is-Sindku tal-Floriana informa lill-membri li, wara li l-Kunsill Lokali kien bagħat talbiet sabiex isiru laqgħat separati mal-Prim Ministru u mal-Kap tal-Oppożizzjoni, sa issa kienet ingħatat data għal-laqgħa mal-Kap tal-Oppożizzjoni.

Huwa informa wkoll li l-Onor. Owen Bonnici kien talab li ssir laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Floriana. Is-Sindku spjega li l-laqgħa li saret mal-Ministru kienet waħda pożittiva u kostruttiva. Matul din il-laqgħa, il-Ministru talab sabiex issir laqgħa oħra li tinvolvi lilu, lill-Onor. Alison Zerafa Civelli u lir-Reġjun Port, sabiex id-diskussjoni tkun tista' titkompla fuq livell Reġjonali.

Il-President laqa' din it-talba u qabel mal-ħtieġa li ssir din il-laqgħa fuq livell Reġjonali. Għaldaqstant, talab lis-Segretarju sabiex jikkoordina l-arranġamenti meħtieġa għal laqgħa mal-Ministri, li għandha ssir ġewwa r-Reġjun Port.

Is-Sur John Boxall informa lill-membri li anke huwa kien kellu laqgħat simili dwar materji relatati mal-lokalità tiegħu.

64.5.5 Il-President fakkar lill-membri li kienet intbagħtet ċirkulari lill-Kunsilli Lokali sabiex jissottomettu l-fehmiet, il-ħtiġijiet u s-suġġerimenti tagħhom fir-rigward tat-tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet għat-tender il-ġdid għall-ġbir tal-iskart.

Huwa enfasizza li l-għan ta' dan l-eżerċizzju huwa li jitfassal tender kemm jista' jkun komprensiv, li jirrifletti l-ħtiġijiet reali tal-Kunsilli Lokali u li jieħu inkunsiderazzjoni d-differenzi u l-karatteristiċi partikolari tal-lokalitajiet differenti.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Il-President informa wkoll li kienu għaddejjin diversi laqgħat ta' koordinazzjoni bejn ir-Reġjuni, flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, sabiex jiġu diskussi u mfassla t-tenders il-ġodda. L-għan huwa li dawn ma jkunux ibbażati fuq approċċ wieħed għal kulħadd, iżda jkunu mfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull Reġjun, filwaqt li jqisu wkoll il-karatteristiċi u r-realtajiet differenti tal-Kunsilli Lokali rispettivi.

Għaldaqstant, il-President tenna l-importanza li l-Kunsilli Lokali jipprovdu l-kontribut tagħhom sabiex l-esperjenzi u l-ħtiġijiet tagħhom ikunu jistgħu jiġu riflessi fl-ispeċifikazzjonijiet finali tat-tender.

64.5.6 Il-President informa lill-membri li għandha tiġi identifikata data matul ix-xahar ta' Novembru sabiex tinżamm il-Laqgħa Ġenerali Annwali (AGM) tar-Reġjun.

Huwa informa wkoll li l-attività uffiċjali tal-għeluq tar-Reġjun tal-Kultura ser issir nhar l-10 ta' Diċembru 2026.

64.6 Aġġornament

64.6.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sitta ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru 2026 fil-17:00 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv